**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2018**

**Talba Nru: 347/2017 PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Lorimar Trading Limited**
**(C63505)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tmienja (8) t' Awwissu, 2017 illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' disa' mija u sitta u sebghin ewro punt erbghin centezmu (€976.40) in konessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq akkont li jgib in-numru AC40429031 liema somma s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet debitament interpellata, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tat-22 ta’ Marzu, 2018 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluz l-affidavit ta’ Charmaine Psaila Raji u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-22 ta’ Marzu, 2018 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz illi minkejja r-riferta a tergo ta’ fol.21 tal-process u d-dokumentazzjoni ezebita a fol. 27 u 28 tal-istess process permezz ta’ liema ir-Registratur tal-Kumpanniji gie infurmat li s-socjeta` intimata m’ghandha ebda dritt li tuza l-indirizz indikat bhala r-‘registered address’ taghha, irrizulta li effettivament dan l-indirizz ghadu indikat bhala l-indirizz tal-istes kumpannija skont l-istess Registratur tal-Kumpanniji. Kwindi huwa c-car li n-notifika tas-socjeta` konvenuta f’tali indirizz hija valida ai fini tal-art. 187(3) tal-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi, in linea ma’ dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**’ fis-17 ta’ Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet fuq is-sorte jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma komplessiva ta’ disa’ mija u sitta u sebghin ewro punt erbghin centezmu (€976.40) in konessjoni ma’ servizzi elettronici ta’ komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq akkont li jgib in-numru

AC40429031, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lis-socjeta` konvenuta kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**